Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Monoscoop BV
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali SUDOKU SAMURAI BINGO għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 28 u 41 — Applikazzjoni Nru 5769013
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Applikazzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Monoscoop BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tad-9 ta' Marzu 2010 — Euro-Information vs UASI (EURO AUTOMATIC CASH)

(Kawża T-15/09)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali EURO AUTOMATIC CASH — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(ċ)) (ara l-punti 32, 37, 44)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Novembru 2008 (Każ R 70/2006-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali EURO AUTOMATIC CASH bħala trade mark Komunitarja.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Européenne de traitement de l'Information (Euro-Information)
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali EURO AUTOMATIC CASH għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 36, 37, 38 u 42 — Applikazzjoni Nru 4114864
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-18 ta' Novembru 2008 (Każ R 70/2006-4) hija annullata.

2) L-UASI għandu jbati erba' partijiet minn kull ħames partijiet tal-ispejjeż sostnuti mill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali.

3) L-Européenne de traitement de l'information (Euro-Information) għandha tbati parti minn kull ħames partijiet tal-ispejjeż sostnuti mill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali.

4) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż indispensabbli sostnuti mir-rikorrenti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tad-9 ta' Marzu 2010 — hofherr communikation vs UASI (NATURE WATCH)

(Kawża T-77/09)

"Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tinnomina lill-Komunità Ewropea — Trade mark verbali NATURE WATCH — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(ċ)) (ara l-punti 23, 39)

Suġġett

Appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-4 ta' Diċembru 2008 (Każ R 1410/2008-1), dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tinnomina lill-Komunità Ewropea tat-trade mark verbali NATURE WATCH.